

31993R1611

16.6.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 155/9

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1611/93
ta' l-24 ta' Ġunju 1993
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura maqgħuda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾ dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 1001/93 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 9,

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura maqgħuda annessa ma' l-imsemmi Regolament, jeħtieġ li jkunu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija għal kollox jew f'parti bbażata fuqha jew li żżidilha kull suddivizzjoni addizzjonali u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, biex tgħodd it-tariffa jew miżura oħra dwar il-kummerċ fl-oġġetti;

Billi bis-saħħa ta' l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċijiet NM xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet mfissra fil-kolonna 3;

Billi huwa xieraq li, bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità dwar sistemi ta' verifika doppja u sorveljanza minn qabel u retrospettiva tal-Komunità ta' prodotti tat-tessuti fuq l-importazzjoni ġewwa l-Komunità, l-informazzjoni li torbot fuq it-tariffa fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-nomenklatura maqgħuda maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma jikkonformaw iżjed ma' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jkunu invokati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament

(KEE) Nru 2674/92 ⁽⁴⁾, mid-detentur matul ċertu perjodu jekk dak id-detentur ikkonkluda kuntratt kif imsemmi fil-punti (a) jew (b) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1715/90 ⁽⁵⁾

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma klassifikati fin-Nomenklatura Maqgħuda taħt il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

L-Artikolu 2

Bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità dwar sistemi ta' verifika doppja u sorveljanza minn qabel u retrospettiva tal-Komunità ta' prodotti tat-tessuti fuq l-importazzjoni ġewwa l-Komunità, l-informazzjoni li torbot fuq it-tariffa fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-nomenklatura maqgħuda maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma jikkonformaw iżjed ma' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jkunu nvokati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 mid-detentur matul perjodu ta' sittin jum mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk dak id-detentur ikkonkluda kuntratt kif imsemmi fil-punti (a) jew (b) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1715/90.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membbru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 104, tad-29.4.1993, p. 28.

⁽³⁾ ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 271, tas-16.9.1992, p. 5.

⁽⁵⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1990, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni	Kodiċi CN	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Biċċiet ta' tessut tubulari nnitjat jew tessut bil-ganċ, blicċjati, tal-fibri tat-tessut diversi, maqtugħa bla preċiżjoni. Dawn il-biċċiet huma madwar 65 cm fid-diametru u jvarjaw bejn 2,50 m u 6 m fit-tul. Il-biċċiet, li f'it minnhom huma mitnija u mkemmxa, jitpoġġew f'sorror.	6002 91 00 6002 92 10 6002 93 31 6002 93 99 6002 99 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, u t-testijiet tal-kodiċijiet 6002, 6002 91 00, 6002 92, 6002 92 10, 6002 93, 6002 93 31, 6002 93 99 u 6002 99 00 jiddipendi fuq il-komposizzjoni. Il-prodotti tat-tessut in kwistjoni ma jistgħux ikunu kklassifikati bħala ċraret għaliex m'humiex mikulin, maħmuġin, mqattgħin, ta' daqsijiet żgħar jew tajbin biss għall-irkupru ta' fibri, il-manifattura tal-karta jew tal-plastiks, il-manifattura ta' materjali għal-lostru jew għall-użu ta' wipers industrijali.
2. Ilbies ħafif innitjat (85 % poliamidi, 15 % ħajt elastomeriku), ċineġ ta' l-ispalla maħsuba biex jgħattu l-ġisem sar-riġlejn. Il-quddiem tal-libsa huwa ta' tessut innitjat miftuġh u l-libsa hija elasticizzata madwar is-saqajn u mad-dahar. In-naħa tar-riġlejn tal-libsa, li għandha inforra innitjata tal-qoton, huwa maqful permezz ta' tliet <i>press studs</i> . Il-parti ta' fuq tal-libsa tixbah regġipetto u għandu l-wire għall-irfid. (Ara r-ritratt Nru 525) (*)	6212 90 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, u bit-testijiet tal-kodiċijiet NM 6212 u 6212 90 00. Ara ukoll in-noti spjegattivi tas-sistema armonizzata dwar l-intestatura 6212.



(*) Ir-ritratti gegħdin hawn bħala eżempju